**17 ta' Ġunju, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Zarena *sive* Nazzarena Calleja u Bascal Debono

**Stqarrijiet – Ismijiet ta' Ko-Imputati – "*Editing*" ta' l-Istqarrijiet**

*Konfessjoni ta' ko-akkużat, għalkemm fiha jissemma ko-akkużat ieħor, hija produċibbli bħala prova bla ma hemm il-ħtieġa li jitneħħew minnha r-referenzi għall-ko-akkużat li ma jkunx għamilha.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' l-imsemmija Żarena *sive* Nazzarena Calleja

u Bascal Debono li permezz tiegħu, wara li ppremettew illi huma jinsabu akkużati b'omiċidju; illi b'nota ta' eċċezzjonijiet ta' l-10 ta' Mejju, 1984, eċċepew illi għandhom jinqatgħu *mill-istatement* ta' kull persuna akkużata kwalunkwe riferenza oħra għal dak li jkun qal kwalunkwe akkużat ieħor *fl-istatement* tiegħu, u ddikjaraw ix-xhieda li kienu bi ħsiebhom iressqu; illi l-Qorti *Kriminali*, b'*deċiżjoni preliminari* tat-*12* ta' April, *1985*, *ċaħdet* l-eċċezzjoni dwar l-*istatement* u laqgħat kwalunkwe talba u eċċezzjoni oħra; u billi ħassew ruħhom aggravati minn dik id-deċiżjoni interponew appell minnha quddiem din il-Qorti u talbu lil din l-istess *Qorti tirriforma d-deċiżjoni appellata billi* tikkonfermaha fejn laqgħat it-talbiet tagħhom u tirrevokaha għall-kumplament billi tilqa' l-eċċezzjoni dwar l-ammissibilità ta' dawk il-partijiet ta' l- *istatement* fejn jissemma ko-akkużat ieħor;

Rat l-imsemmija deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tat-12 ta' April, 1985, li ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari mqajma mill-akkużati dwar l-editjar ta' l-istqarrijiet tagħhom wara li, f'dan ir-rigward ikkunsidrat: –

Illi din l-eċċezzjoni preliminari fis-sens li "mill-*istatement* ta' kull persuna akkużata għandha tinqata' kwalunkwe referenza għal dak li jkun għamel kwalunkwe akkużat ieħor" diġà rċeviet il-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti u ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, f'diversi sentenzi, partikolarment, Repubblika kontra Alfred Zammit, *et* ta' l-10 ta' Ottubru, 1979, u Repubblika kontra S.P. Morris *et*, tat-28 ta' Marzu, 1984; jidher ċar u manifest illi l-essenzjali fil-materja mhux li jinqatgħu ir-riferenzi għal xulxin li jista' jkun hemm fl-istqarrijiet ta' persuni ko-akkużati, iżda li din il-Qorti, kif soltu tagħmel fil-prattika, fil-kors tal-ġuri tfisser bl-iktar mod sempliċi possibbli l-artikolu 657 tal-Kodiċi Kriminali;

"Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min għamilha, u m'hi ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra. Jekk fl-indirizz tagħha u fil-kors kollu tal-ġuri il-Qorti tagħmel dan ċar, kif qiegħda tipproponi minn issa stess li għandha tagħmel; il-ġurija għandha tkun f'pożizzjoni li tiġġudika l-każ ta' kull akkużat fuq il-bażi tal-provi relattivi għal dak l-akkużat u dak l-akkużat biss, b'mod li d-dettalji ta' l-istqarrijiet li manifestament huma rilevanti ħafna fir-rigward tal-kontest kollu tal-każ, ikunu jistgħu jinżammu quddiem min għandu jagħmel l-apprezzament tal-fatt fir-rigward ta' kull wieħed mill-akkużati separatament, iżda fit-totalità tiegħu bla tnaqqis ta' xejn;

Rat l-imsemmi Att ta' Akkuża numru 6/84;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell mid-Difiża u mill-Prosekuzzjoni;

Ikkunsidrat:

Skond l-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9, Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta, 1984): "Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra." Minn eżami ta' din id-dispożizzjoni u diversi dispożizzjonijiet oħra tal-Kodiċi Kriminali li jittrattaw fuq provi, jidher ċar li l-liġi tagħna tagħmel distinzjoni netta bejn ammissibbilità ta' provi u valur probatorju ta' provi. Hekk, per eżempju, fl-artikoli 635 u489 ta' l-imsemmi Kodiċi Kriminali l-liġi tipprojbixxi l-produzzjoni tal-provi hemm imsemmija, mentri f'dispożizzjonijiet oħra, senjatament dawk ikkontenuti fl-artikoli 639(3) u 633(1), il-liġi ma timponi l-ebda projbizzjoni,

iżda (fil-każ taż-żewġ artikoli msemmija) biss tillimita u/jew taffetta l-valur probatorju tax-xiehda tal-kompliċi jew tax-xhud interessat;

Fil-każ ta' l-imsemmi artikolu 661 m'hemm l-ebda projbizzjoni għall-produzzjoni ta' konfessjoni li tkun tinvolvi persuna oħra barra minn dik li tkun għamlitha, iżda hemm stabbilit il-prinċipju li kull konfessjoni tagħmel prova biss kontra min jagħmilha u ma tistax tkun ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra. Anke l-istess kliem ta' l-imsemmi artikolu 661, ''*mhix ta' preġudizzju*'' (fit-test Ingliż: ''*shall not operate to the prejudice of*'') jippresupponi li tali konfessjoni tkun diġà ġiet prodotta, għax kieku l-intenzjoni tal-liġi kienet li konfessjoni bħal din mhix ammissibbli (ovvjament f'dik il-parti fejn tkun tinvolvi persuna oħra) kienet *timponi* d-*divjet għall-produzzjoni tar-riferenzi* għal persuna oħra, bħal ma għamlet fil-każ ta' provi oħra (fosthom dawk imsemmija iktar 'il fuq), il-għaliex ma jagħmilx sens li tgħid li l-konfessjoni ma tkunx ta' Preġudizzju għal persuna oħra jekk l-istess konfessjoni ma tkunx ġiet preċedentement prodotta u teżisti in atti;

Insegwi minn dan, għalhekk, illi konfessjoni ta' ko-akkużat, għalkemm fiha jissemma ko-akkużat ieħor, hija produċibbli bħala prova, bla ma hemm il-ħtieġa li jitneħħew minnha r-riferenzi għall-ko-akkużat li ma jkunx għamilha. Kull ma tgħid il-liġi hu li konfessjoni bħal din ma tistax tkun ta' preġudizzju għal dan l-aħħar imsemmi ko-akkużat;

F'dan is-sens kienet ukoll iddeċidiet din il-Qorti (*diversament* kostitwita) fis-sentenza tagħha ta' l-10 ta' Ottubru, 1979, fil-kawża ''Ir-Repubblika ta' Malta kontra Alfred Zammit et'', fejn *inter alia* qalet li '*statements*' bħal dak in eżami, ċjoè

*'statement'* ta' ko-akkużat li jsemmi ko-akkużat ieħor, "salv kwalunkwe attakk li jista' talvolta jsir kontra tagħhom da parti tad-Difiża", huma "dokumenti indubbjament rilevanti u regolarment esebiti;

Fir-rikors ta' l-appell, l-appellanti jossottomettu illi biex jiġi evitat ir-"riskju ta' akkużat li jiġi *'convicted'* anke fuq dikjarazzjoni ta' ħaddieħor" għandu jsir l-*"editing"* ta' l-istqarrijiet in kwistjoni fis-sens sottomess fl-eċċezzjoni tagħhom fuq imsemmsija;

Il-problema involut f'din is-sottomissjoni diġà ġie affrontat minn din il-Qorti fiċ-ċitata sentenza ta' l-10 ta' Ottubru, 1979, fejn ġie ritenut illi l-produzzjoni (kompriż il-qari u għoti lill-ġurati) ta' *'statement'* li jinvolvi ko-akkużat li ma jkunx dak li għamlu ma tippekkax kontra d-dispost ta' l-imsemmi artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, purchè l-Qorti Kriminali fl-indirizz tagħha lill-ġurati u talvolta anke qabel (kif fil-fatt ipproponiet li tagħmel il-Qorti Kriminali anke fil-każ preżenti fid-deċiżjoni appellata) "tenunċja ċar il-prinċipju inkorporat fl-imsemmija dispożizzjoni u ċioè li konfessjoni ta' akkużat ma tippreġudikax lil ħaddieħor. Jekk dan isir kif imiss, il-ġurati, avolja nominalment impressjonabbli bħala bnedmin tad-dinja, iwarrbu kull eventwali ombra profana ta' impressjoni ħażina bid-dawl purifikatur tal-liġi spjegata tajjeb";

Din il-Qorti taqbel pjenament ma' dak li għadu kemm ġie ċitat mill-imsemmija sentenza, li *del resto* segwiet, kif anke qalet hija stess, il-prattika kostanti ta' dawn il-Qrati;

Fl-aħħarnett, il-Qorti tħoss li għandha tirrileva illi s-sentenzi tagħha tad-9 ta' Novembru, 1982, fil-kawża "Ir-Repubbblika ta'

Malta kontra Martina Galea'', u tat-28 ta' Marzu, 1984, fil-kawża ''Ir-Repubblika ta' Malta kontra Stephen Paul Morris *et'', li għalihom saret riferenza fil-kors ta' dan l-appell, ma jistgħu* ikunu ta' l-ebda utilità fil-każ preżenti;

Fl-ewwel wieħed minn dawn iż-żewġ każijiet, infatti, kien hemm akkużata waħda biss, u għalhekk ma setax kien hemm problemi ta' '*statement*' ta' ko-akkużat li jinvolvi ko-akkużat ieħor. Barra minn hekk, dak li kien ġie deċiż f' dak il-każ kien li, kif timponi l-liġi bl-imsemmi artikolu 489 tal-Kodiċi Kriminali, '*previous convictions*' ta' l-akkużata ma setgħux jiġu għak-konjizzjoni tal-ġurati, ħlief fiċ-ċirkostanzi u bil-mod preskritt bl-istess artikolu;

Fit-tieni każ hawnhekk imsemmi, kull ma kien ġie deċiż minn din il-Qorti kien li l-istadju li fih setgħet tingħata eċċezzjoni simili għal dik li tifforma l-meritu ta' dan l-appell kien ġie sorpassat meta l-eċċezzjoni ġiet mogħtija quddiem il-Qorti Kriminali, u għalhekk il-kwistjoni ssollevata b'dik l-eċċezzjoni ma setgħetx tiġi investita;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddiċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma '*in toto*' d-diċiżjoni appellata.